# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 20 ta' Mejju, 2002**

**Appell Nru 281/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**- omissis -**
**Aimen Said Giali el Baden**
**Ibrahim Ramadan Ghamber Shinsha**
**Charles Mugliett**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet, originarjament migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra erba' persuni, u cioe` kontra Mosbah Mohsen Ben Ibrahim, Aimen Said Giali el Baden, Ibrahim Ramadan Ghamber Shinsha u Charles Mugliett talli

**(1)** nhar id-29 ta' Marzu 2000, ghall-habta ta' 8.00 p.m., fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw lill-SCO 40 Joseph Farrugia u CO 107 Anthony Grech, it-tnejn ufficjali pubblici, kontra l-volonta` taghhom, liema persuni arrestati, mizmuma jew issekwestrati garrbu offizi fuq il-persuna taghhom u kif ukoll gew mheddha bil-mewt;

**(2)** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew theddid gieghelu lill-imsemmija ufficjali pubblici, jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

**(3)** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi meta kienu tlieta minn nies jew aktar, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-istess SCO 40 Joseph Farrugia u CO 107 Anthony Grech, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

**(4)** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuni mizmuma fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, post ta' kustodja jew ta' piena, harbu mill-imsemmi post bi vjolenza fuq il-persuni ta' l-istess ufficjali korrettivi jew bi ksur ta' dawn l-istess postijiet;

**(5)** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuni mizmuma fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, harbu mill-imsemmi post jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja taghhom;

**(6)** u aktar, talli nhar id-29 ta' Marzu, 2000, ghall-habta tat-8.15 p.m., f'Rahal Gdid, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-Robert Mizzi kontra l-volonta` tieghu;

**(7)** fid-29 ta' Marzu, 2000, ghal habta tat-8.15 p.m., f'Rahal Gdid, ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Suzuki Samurai bin-numru ta' registrazzjoni ABG-848, kif ukoll *mobile phone* tal-marka Siemens, ilema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, hin, valur li jeccedi l-elf lira u x-xorta tal-haga misruqa a detriment ta' Robert Mizzi;

**(8)** f'xi hin bejn 29 ta' Marzu, 2000, u l-31 ta' Marzu, 2000, f'Ghajn Tuffieha ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAV-195 liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, hin, mezz u xorta tal-haga misruqa a detriment ta' Joseph Galea;

**(9)** fl-istess dati u cirkostanzi f'Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom;

**(10)** f'xi hin bejn id-29 ta' Marzu, 2000, u l-31 ta' Marzu, 2000, f'Ghajn Tuffieha, dahlu f'dar jew lok iehor jew f'recint b'wiehed mill-mezzi imsemmija fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-Kapitolu 9 u cioe` fl-appartament numru 285 ghad-dannu tal-kumpanija Hal-Ferh Holiday Complex u dana bi ksur tal-Artikolu 330 tal-imsemmi Kapitolu;

**(11)** nhar id-29 ta' Marzu, 2000, fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, fil-hin li huma kienu qeghdin jaghmlu delitt kontra l-persuna, kellhom fil-pussess taghhom armi regolari jew imitazzjoni ta' arma regolari;

**(12)** nhar id-29 ta' Marzu, 2000, u fil-granet ta' wara, fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u fi bnadi ohra ta' dawn il-Gzejjer, zammew u garrew armi li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

**(13)** nhar id-29 ta' Marzu, 2000 u fil-granet ta' wara, f'Rahal Gdid u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, saqu vettura ta' ghamlha Suzuki Samurai bin-numru ta' registrazzjoni ABG-848 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Puilzija u b'hekk ma kienux koperti b'polza tas-sigurta` jew garanzija dwar riskji ta' persuni;

Charles Mugliett wahdu kien akkuzat ukoll talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali tat-12 ta' Ottubru, 2000 (fol. 313 ta' l-atti);

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2000 (fol. 447[1]), mnejn jirrisulta li, ghalkemm l-akkuzat Mosbah Mohsen Ben Ibrahim ghall-ewwel iddikjara li jrid li l-kaz tieghu jigi trattat sommarjament, ftit wara ddikjara li kien qed isib oggezzjoni ghall-proceduri sommarji u li ried jghaddi guri, b'mod li kemm l-ewwel qorti kif ukoll l-Avukat Generali nvokaw l-Artikolu 370(3)(e) tal-Kodici Kriminali (ara l-atti sussegwenti ghall-verbal tad-9 ta' Novembru, 2000, in kwantu dawn jirrigwardaw lill-imsemmi Mosbah Mohsen Ben Ibrahim, minn fol. 449 sa fol. 634); fl-imsemmija udjenza tad-9 ta' Novembru, 2000 l-imputati Aimen Said Giali el Baden, Ibrahim Ramadan Ghamber Shinsha u Charles Mugliett iddikjaraw li huma ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz mill-Qorti Inferjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Dicembru, 2000, li permezz taghha dik il-qorti sabet (**a**) lil **Aimen Said Giali el Baden** hati skond l-imputazzjonijiet numru 1, 2, 3, 4, 5, 7, 10, 11 u 12, izda lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha; (**b**) sabet lil **Ibrahim Ramadan Ghamber Shinsha** hati skond l-imputazzjonijiet numru 1, 2, 3, 4, 5, 7, 10, 11, 12 u 13, izda lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha; u (**c**) sabet lil **Charles Mugilett** hati skond l-imputazzjonijiet numru 1, 2, 3, 4, 5, 7, 8, 10, 11, u 12, izda lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha[2]; u kkundannat lil kull wiehed mill-persuni hekk misjuba hatja ghall-piena **ta' seba' snin prigunerija** <u>bla ebda tnaqqis tal-periodu tal-arrest preventiv</u>; Ibrahim Ramadan Ghamber Shinsha gie wkoll ikkundannat multa ta' mitejn u hamsin lira (Lm250), konvertibbli f'"hamsin jum ta' detenzjoni [**<u>recte</u>:** prigunerija] addizjonali" f'kaz li l-multa ma tithallasx fi zmien sena, u skwalifikat lill-istess Ibrahim Ramadan Ghamber Shinsha milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' sena;

Rat it tlett rikorsi ta' appell u cioe` r-rikorsi ta' Charles Mugliett, ta' Aimen Said Giali el Baden u ta' Ibrahim Ramadan Ghamber Shinshah, minnhom ippresentati fl-20 ta' Dicembru, 2000, li permezz taghhom talbu ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkonsidrat:

L-ewwel li ser jigi kkunsidrat huwa l-appell ta' Charles Mugliett, peress li dan hu limitat ghall-piena. Ghalkemm dana l-appell hu limitat ghall-piena – kif jidher car kemm mit-talba kif ukoll mill-paragrafu li jintroduci l-aggravji li jghid testwalment "Illi l-aggravju [**<u>recte</u>:** aggravji] dwar il-piena huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti…" – fil-korp

[1] Ara wkoll il-kopja ta' l-istess verbal a fol. 449. Ghal kull buon fini qed issir referenza wkoll ghall-verbal tat-23 ta' Novembru, 2000, li jinsab inserit (evidentement bi zvista) fl-ahhar tal-volum II tal-attijiet ta' l-istruttorja; dan il-verbal m'ghandux in-numru tal-pagna. Jidher li post dan il-verbal huwa qabel fol. 463 fil-volum IV.

[2] Din il-Qorti qed tikkonkludi li l-appellanti fil-fatt gew liberati mill-imputazzjoni numru 6 peress li dina l-imputazzjoni ma gietx espressament ikkunsidrata mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha.

ta' l-istess appell l-appellant jaghmel osservazzjonijiet fis-sens li hu ma kellux jinstab hati ta' certi reati u ta' certi aggravji. Hu evidenti li din il-Qorti ma tistax tmur oltre t-talba ta' l-istess appellant, limitata kif inhi ghall-piena, u ghalhekk b'ebda mod ma tista' tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' xi reat jew ta' xi aggravju. Bazikament dana l-appellant jikkontendi li s-sehem tieghu kemm fil-harba mill-habs, kif ukoll f'dak li sehh wara, kien ferm anqas mis-sehem tat-tlett persuni l-ohra involuti; li hu f'ebda hin ma hedded bil-mewt lill-gwardjani tal-habs jew ghamel offiza fuq il-persuna taghhom; u li hu f'ebda hin ma kien involut fis-serqa tal-vettura ta' Robert Mizzi izda rikeb fl-istess vettura wara li din kienet insterqet mit-tlieta l-ohra. Hu jikkontendi wkoll li minhabba l-personalita` dghajfa thieghu hu gie mkaxkar mill-ohrajn. Meta huwa xehed <u>it-tieni darba</u> quddiem l-ewwel qorti, cioe` fit-30 ta' Novembru, 2000, (fol. 478) addirittura jghid li hu gie mgieghel jaghmel dak li ghamel mit-tlieta l-ohra. Il-Qorti tosserva, pero`, li din id-deposizzjoni tikkontrasta kemm ma' l-istqarrija tieghu lill-Pulizija (fol. 63 sa 65) fejn huwa ghazel li ma jwiegeb ghal ebda mistoqsija, kif ukoll ma' <u>l-ewwel deposizzjoni</u> quddiem dik il-qorti, cioe` d-deposizzjoni tas-27 ta' Novembru, 2000 (fol. 472). F'din l-ewwel deposizzjoni ma hemm ebda indikazzjoni ta' koazzjoni, izda semplicement jidher li dana l-appellant hataf l-okkazzjoni li jissieheb mat-tlieta l-ohra li kienu qed jippjanaw li jaharbu. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar il-kwistjoni tal-piena, hi tal-fehma li din ghandha tigi ridotta biex tirrispekkja ahjar il-partecipazzjoni morali ta' dana l-appellant f'dak kollu li sehh u li hu meritu tal-imputazzjonijiet li taghhom huwa instab hati. Mill-banda l-ohra din il-Qorti ma tistax tinjora l-antecedenti penali ta' dana l-appellant, li ghandu fedina penali ta' tlieta w ghoxrin faccata, b'xejn anqas minn tnejn u ghoxrin kundanna; anqas ma tista' tinjora l-fatt li, kif jammetti huwa stess fid-deposizzjoni tieghu tas-27 ta' Novembru, 2000, huwa kellu problema akuta ta' dipendenza fuq id-droga tant li spicca anke jiehu d-droga waqt li kien fil-habs! (fol. 474). Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant hu, taht certi aspetti, ta' perikolu ghas-socjeta`. Il-piena sejra, ghalhekk, tigi ridotta ghal wahda ta' hames snin prigunerija, piena li fil-fehma ta' din il-Qorti tohloq bilanc gust bejn is-sehem ta' dana l-appellant f'dak li gara bejn id-29 u 31 ta' Marzu, 2000 minn naha, u l-interessi tas-socjeta` minn naha ohra.

L-appellant Aimen Said Giali el Baden ghandu diversi aggravji. Hu bazikament jilmenta fl-ewwel lok li fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni hu ma rabat idejn hadd b'mod li ma jistax jinghad li hu arresta, zamm jew issekwestra lil xi hadd; jilmenta wkoll li fi kwalunkwe kaz hu ma kkaguna ebda offiza fuq ebda persuna u ma hedded lil hadd bil-mewt, u dan b'referenza ghall-aggravju msemmi fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 87 tal-Kodici Kriminali. Mill-kumpless tal-provi, u senjatament mid-deposizzjonijiet tal-Gwardjani tal-Habs Joseph Farrugia u Anthony Grech, din il-Qorti hi sodisfatta li dana l-appellant, flimkien mat-tlett persuni l-ohra, zamm lil dawn iz-zewg gwardjani kontra l-volonta` taghhom u bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali meta rabtu idejn u saqajn l-istess gwardjani u hallwehom marbutin ma' l-art sakem huma hargu fuq il-bjut tal-habs u qabzu ghat-triq. Kwantu ghall-aggravji tal-offiza fuq il-persuna u t-theddid bil-mewt, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha takkolji l-aggravju ta' dana l-appellant, fis-sens li, a bazi tal-Artikolu 45 tal-Kodici Kriminali li jirregola l-komunikabbilita` tac-

cirkostanzi reali, dana l-appellant m'ghandux iwiegeb ghall-offiza li saret minn haddiehor fuq wiehed mill-gwardjani, kif ukoll ghat-theddid bil-mewt li sar ukoll minn haddiehor.

Kwantu ghat-tieni mputazzjoni, l-appellant el Baden jikkontendi li hu m'ghandux jinstab hati skond din l-imputazzjoni peress li hu ma uza vjolenza fuq hadd u anqas hedded lil hadd. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx. Li wiehed jorbot idejn u saqajn ufficjal pubbliku – f'dan il-kaz gwardjan tal-habs – biex dak l-ufficjal pubbliku ma jkunx jista' jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel (f'dan il-kaz, li ma jhallix lil xi hadd johrog mill-konfini tal-habs) jammonta ghal vjolenza ghall-finijiet ta' l-Artikolu 91 tal-Kodici Kriminali. Inoltre, l-appellant el Baden u t-tlett persuni l-ohra kellhom f'idejhom bicciet tal-*perspex* f'forma ta' strument bil-ponta u li jaqta', u evidentement dawn l-armi intuzaw biex bihom iz-zewg gwardjani jigu mhedda halli ma jaghmlux ir-resistenza li talvolta huma setghu ghamlu, kif kien id-dmir taghhom li jaghmlu, sabiex l-appellant u shabu ma johorgux mill-konfini tal-habs. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

Aggravju iehor tal-appellant el Baden hu fis-sens li hu ma kellux jinstab hati skond it-tielet imputazzjoni. Hawnhekk ukoll din il-Qorti ma taqbilx. L-ewwel qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Stephen Borg*.** F'dik is-sentenza din il-Qorti, kif presjeduta, kienet irriteniet li biex ikun hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali irid ikun hemm, fost affarijiet ohra u bhala minimu, xi forma ta' <u>forza illegittima</u> diretta lejn, jew ezercitata fuq, <u>il-persuna</u> inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, b'dan ukoll li l-att li bih tali forza illegittima tigi ezercitata irid ikun tali li jkun tendenti, ossia jkollu l-potenzjalita`, li jikkaguna xi hsara lill-persuna tal-ufficjal pubbliku, zghira kemm hi zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi fil-fatt ikkagunata, u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Din il-Qorti hi tal-fehma li mill-mod kif iz-zewg gwardjani tal-habs intrabtu kif ukoll mil-mod kif wiehed minnhom ingarr u t-tnejn li huma intefghu ma' l-art, l-ewwel qorti setghet legittimament tikkonkludi li f'dan il-kaz kien hemm, da parti kemm ta' l-appellant kif ukoll ta' shabu, attakk bi vjolenza kif aktar 'l fuq imfisser. Ma hemmx dubbju li fil-mument li z-zewg gwardjani gew hekk attakkati, huma kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, u cioe` sabiex jassiguraw li l-appellant u shabu jibqghu fil-konfini tal-habs skond il-ligi. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

Ir-raba' aggravju jirreferi ghar-raba' imputazzjoni. L-appellant el Baden jikkontendi li f'dan il-kaz ma kienx hemm harba mill-habs li saret <u>bil-vjolenza fuq il-persuna</u>. Ghar-ragunijiet imfissra aktar 'l fuq, dana l-aggravju hu infondat u ghalhekk ser jigi respint.

Aggravju iehor ta' dana l-appellant jirrigwarda s-sitt imputazzjoni. Kif pero` din il-Qorti osservat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, hi tal-fehma li l-ewwel qorti lliberat lit-tlett appellanti minn din l-imputazzjoni.

L-aggravju relattiv ghas-seba' imputazzjoni jirrazenta l-fieragh. L-appellant el Baden jippretendi li ma hemmx provi li hu kien involut fis-

serqa tal-vettura Suzuki Samurai ta' Robert Mizzi; u li, se mai, dak li jirrisulta hu biss *furto d'uso* tal-imsemmija vettura. Fir-rigward ta' din is-seba' impuazzjoni din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid hlief li dak li qalet l-ewwel qorti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni – kemm in tema legali kif ukoll ghal dik li hi analizi tal-provi – huwa ineccepibbli. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

L-appellant el Baden fl-ahharnett jilmenta dwar l-imputazzjonijiet numru hdax u tnax, fis-sens li hu ma kellux jinstab hati skond dawn iz-zewg imputazzjonijiet. Issa, bhala fatt jirrisulta mid-deposizzjoni tal-gwardjan Anthony Grech li l-erba' habsin li harbu, u ghalhekk anke l-appellant el Baden, ilkoll kellhom bicca *perspex* f'idejhom fil-ghamla ta' strument bil-ponta u li jaqta'. L-imputazzjoni numru tnax tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 13(1) tal-Kap. 66. Fil-fehma tal-Qorti dak li kellu f'idejh l-appellant el Baden jaqa' fid-definizzjoni ta' dana l-Artikolu. Kwantu ghall-imputazzjoni numru hdax, pero`, il-posizzjoni hija differenti. Dina l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 26 tal-Kap. 66, u fil-kaz in dizamina tirreferi specifikatament ghal "delitt kontra l-persuna". L-appellant el Baden f'ebda hin ma gie akkuzat, permezz ta' l-imputazzjonijiet l-ohra, li kkommetta delitt kontra l-persuna (ghalkemm hemm reati li jinkludu, bhala element taghhom, il-vjolenza fuq il-persuna), u fi kwakunkwe kaz u bhala fatt ma jirrisultax li kkommetta xi delitt kontra l-persuna. Ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-imputazzjoni numru hdax.

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tezamina l-aggravji tal-appellant Ibrahim Ramadan Ghamber Shinsha. Jinghad mill-ewwel li hafna mill-aggravji ta' dana l-appellant huma, tista' tghid, identici ghal dawk tal-appellant el Baden. Hekk, per ezempju, dwar l-ewwel imputazzjoni, dana l-appellant jilmenta li hu qatt ma hedded lil xi wiehed mill-gwardjani bil-mewt. Jghid in partikolari li hu qatt ma uza il-kelma "niskarnak" ghax din hija kelma ta' nisel Romanz li ma tintuzax minn min jitkellem bl-Gharbi. Din il-Qorti, pero`, bhall-ewwel qorti ma ghandha ebda raguni ghala tiddubita minn dak li xehed il-gwardjan Joseph Farrugia li fisser aktar minn darba kif l-appellant Shinsha heddu li jiskarnah jekk hu (Farrugia) ma jaghmilx dak li jghidulu l-prigunieri jew jekk hu jiccaqlaq. Fir-rigward ta' dana l-appellant l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata bl-aggravju b'kollox. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, dana l-appellant jilmenta li ma kienx hemm provi bizzejjed li a bazi taghhom l-ewwel qorti kellha ssibu hati. Ghar-ragunijiet ga moghtija fir-rigward ta' l-appellant el Baden, dana l-aggravju tal-appellant Shinsha qieghed jigi sommarjament respint.

Anke fir-rigward ta' l-imputazzjoni numru tlieta japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet maghmula fir-rigward ta' l-appellant el Baden, u ghalhekk l-aggravju tal-appellant Shinsha dwar dina l-imputazzjoni qed jigi respint.

Fir-raba' lok u b'referenza ghar-raba' imputazzjoni, dana l-appellant jirrepeti bazikament dak li qal l-appellant el Baden u cioe` li ma kienx hemm il-"vjolenza fuq il-persuna" mehtiega skond l-Artikolu 152 tal-Kodici Kriminali. Kif diga fissret din il-Qorti aktar 'l fuq, li wiehed jahtaf u jorbot, minn idejhom u saqajhom, u evidentement kontra l-volonta`

taghhom, gwardjani tal-habs biex dak li jkun ikun jista' jahrab mill-konfini tal-habs, jammonta ghal "vjolenza fuq il-persuna" ta' l-istess gwardjani, anke jekk b'risultat ta' dik il-vjolenza il-gwardjan in kwistjoni ma jkun garrab ebda offiza. Ghalhekk dana r-raba' aggravju ser jigi respint.

L-aggravju fir-rigward ta' l-imputazzjoni numru sitta ser jigi skartat ghall-istess raguni moghtija fir-rigward ta' l-appellant el Baden.

L-appellant Shinsha jargumenta li huwa ma setax jinstab hati tas-serq tal-vettura ta' Robert Mizzi, imsemmija fis-seba' imputazzjoni, u, bhall-appellant el Baden, jghid li dak li sehh kien semplicement *furto d'uso* tal-vettura. Ghar-ragunijiet aktar 'l fuq imfissra, l-appellant Shinsha m'ghandux ragun. Pero` dana l-appellant jikkontendi ukoll li l-vettura in kwitsjoni kienet registrata f'isem missier Mizzi, u li ghalhekk hu ma setax jinstab hati skond is-seba' imputazzjoni, liema imputazzjoni tghid li s-serq sar "a detriment ta' Robert Mizzi". Anke hwanhekk l-appellant m'ghandux ragun, u dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh, peress li hu risaput li s-serq jista' jsir anke a dannu ta' minn ikollu semplicement il-pussess tal-haga misruqa bla ma jkun sidha. F'dan il-kaz jirrisulta abbundantement car li l-vettura Suzuki Samurai kienet fil-pussess ta' Robert Mizzi meta din insterqet mill-appellant u shabu.

L-appellant jilmenta wkoll li ma kienx hemm prova ta' min effettivament kien qed isuq il-vettura. F'dana r-rigward dana l-appellant ghandu ragun, u ghandu ghalhekk jigi liberat mill-imputazzjoni numru tlettax. In fatti, jekk wiehed jaqra sew id-deposizzjoni ta' Robert Mizzi, dana Mizzi dejjem gharaf lill-appellant Shinsha bhala l-persuna li gibditu mill-karozza, izda imkien ma qal – kif erroneament ikkonkludiet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha – li dana Shinsha kien hadlu postu wara l-i*steering wheel*. Anzi dana x-xhud, mistoqsi specifikatament in kontro-ezami, min saq il-vettura minn fuq il-post, jghid "Min saq il-vettura tieghi minn fuq il-post ma nafx" (fol. 117).

Fl-ahharnett, kwantu ghall-imputazzjonijiet numru hdax u tnax, japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet li diga saru fir-rigward tal-appellant el Baden; konsegwentement l-appellant Shinsha ser jigi ukoll liberat mill-imputazzjoni numru hdax.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

1. fir-rigward ta' l-appellant **Aimen Said Giali el Baden** (i) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni, u minflok issibu hati biss ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali (u ghalhekk minghajr ebda aggravanti taht l-Artikolu 87 tal-istess Kodici); (ii) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn sabitu hati skond l-imputazzjoni numru hdax, u tilliberah minn din l-imputazzjoni; (iii) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta' seba' snin prigunerija minghajr tnaqqis tal-periodu tal-arrest preventiv, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' hames (5) snin u erba' (4)

xhur prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-istess Aimen Said Giali el Baden ghamel taht arrest preventiv fil-pendenza ta' dana l-appell, u cioe` l-periodu mis-6 ta' Dicembru, 2000 sal-lum; u (iv) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija;

2. fir-rigward ta' l-appellant **Ibrahim Ramadan Ghamber Shinsha** (i) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati skond l-imputazzjoni numru hdax, kif ukoll fejn sabitu hati skond l-imputazzjoni numru tlettax, u minflok tilliberah minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet; (ii) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta' seba' snin prigunerija minghajr tnaqqis tal-periodu tal-arrest preventiv, kif ukoll fejn ikkundannatu multa ta' Lm250 u skwalifikatu milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' sena, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) snin prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-istess Ibrahim Ramadan Ghamber Shinsha ghamel taht arrest preventiv fil-pendenza ta' dana l-appell, u cioe` l-periodu mis-6 ta' Dicembru, 2000 sal-lum; u (iii) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija; u
3. fir-rigward ta' l-appellant **Charles Mugliett** (i) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta' seba' snin prigunerija minghajr tnaqqis tal-periodu tal-arrest preventiv, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' hames (5) snin prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-istess Charles Mugliett ghamel taht arrest preventiv fil-pendenza ta' dana l-appell, u cioe` l-periodu mis-6 ta' Dicembru, 2000 sal-lum; u (ii) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Fl-ahharnett, in vista tal-fatt li ghadu ma giex deciz il-kaz fil-konfront ta' Mosbah Mohsen Ben Ibrahim, tordna li l-atti tal-kawza jigu rinvjati minnufih lill-Qorti Inferjuri sabiex dik il-qorti tipprocedi fir-rigward ta' l-istess atti skond il-ligi.